

ASSOĊJAZZJONI INTERIM  
BEJN  
L-UNJONI EWROPEA U  
L-ORGANIZZAZZJONI  
GĦAL-LIBERAZZJONI TAL-PALESTINA (PLO)  
GĦALL-BENEFIĊĊJU  
TAL-AWTORITÀ PALESTINJANA  
TAX-XATT TAL-PUNENT  
U L-ISTRIXXA TA' GAZA

Il-Kumitat Konġunt

Brussell, 25 ta' Jannar 2022  
(OR. en)

UE-OLP 1852/22

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-PLO li tapprova l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-PA [2022/...]

---

## RAKKOMANDAZZJONI NRU .../2022 TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-PLO

ta'...

**li tapprova l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-PA [2022/...]**

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-PLO,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU KE L 187, 16.7.1997, p. 3.

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim Interim ta' Assoċjazzjoni”) ġie ffirmat fl-24 ta' Frar 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1997.
- (2) Skont l-Artikolu 63 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim, il-Kumitat Konġunt għandu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa.
- (3) L-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt jistipula l-possibbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet permezz tal-proċedura bil-miktub bejn is-sessjonijiet, jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir dan.
- (4) L-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-AP bi tliet snin ser tagħti l-opportunità lill-Partijiet biex jagħmlu progress fil-kooperazzjoni tagħhom fis-snin li ġejjin, inkluż permezz tal-possibbiltà li jiġu negozjati prijoritajiet ta' sħubija,

ADOTTA R-RAKKOMANDAZZJONI LI ĠEJJA:

*Artikolu 1*

Il-Kumitat Konġunt, permezz tal-proċedura bil-miktub, jirrakkomanda li l-Pjan ta' Azzjoni UE-AP jiġi estiż bi tliet snin mid-data tal-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

*Artikolu 2*

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kumitat Konġunt UE-PLO*

*Il-President*

---